# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Mejju 1999**

**Numru 5**

**Citaz. numru 171/94DS**

**Gaetano Agius et**
**vs**
**Louis Bellizzi noe et**

Citaz. Nru. 171/94
Gaetano Agius u Gerolima sive Gemma Agius, mizzewgin
vs
Louis Bellizzi fil-kwalita' tieghu ta' Stralcjarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Dredging Works Co. Limited u ghal kull interess li jista' jkollhom Joseph Gerada u Henry Coppini bhala Diretturi f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Thos. C. Smith Insurance Services Limited u din bhala agenti u jew rapprezentanti tas-socjeta' estera assikuratrici "L'Union des Assurances des Paris IARD" u b'nota tad-29 ta' Marzu 1994 Dr Philip Manduca assuma r-rappresentanza guridika tas-socjeta' konvenuta Thos. C. Smith Insurance Services Limited u dina bhala agenti tas-socjeta' estera assikuratrici "L'Union des Assurances des Paris IARD"

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Frar 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi:

L-attur Gaetano Agius fl-10 ta' Frar 1992 sofra danni u korra meta kien fuq ix-xoghol mas-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. fejn kien impjegat u bhala konsegwenza ta' tali korriment sofra danni, inkapacita' u debilita' permanenti, ghamel hafna spejjez u tilef hafna qligh, kif ser jirrizulta ahjar fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Tali incident gara unikament tort tas-socjeta' konvenuta minhabba negligenza, impertinenza, imperizja, nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, u minhabba li s-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. naqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega;

Is-socjetajiet konvenuti gew inutilment interpellati jhallsu;

Is-sicjeta' konvenuta assikurattrici kienet tkopri lis-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Limited.

talbu ghalhekk lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Limited unikament responsabbli ghall-incident li gara fuq ix-xoghol fl-10 ta' Frar 1992 fejn l-attur wegga u sofra korriment u sofra danni kbar, inkluzi telf ta' qligh u hafna spejjez;

2. tillillikwida tali danni, telf ta' qligh u spejjez sofferti mill-attur;

3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti solidalment ihallsu lill-atturi is-somma hekk likwidata;

Bl-imghax min-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar 1992 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-istess ittra ufficjali u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Joseph Gerada et nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' Thos. C. Smith Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta' estera assikurattrici L-Union des Assurances des Paris IARD giet msejha inutilment b'din il-kawza u ma ghandiex tbati l-ispejjez ta' l-istess kawza.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost is-socjeta' Thos.C. Smith Insurance Services Limited bhala agent tas-

socjeta' estera L'Union des Assurances de Paris IARD ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-atturi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost is-socjeta konvenuta Dredging Works Co. Limited kienet accettat pagament in konnessjoni ma claim li sar in konnessjoni ma' l-attur.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur irid jipprova li wegga minhabba nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u minhabba li s-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. naqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega u jrid jipprova ukoll li sofra debilita permanenti b'rizultat ta' l-istess.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost ir-responsabbilita tas-socjeta' Thos. C. Smith Insurance Services Limited bhla agenti hija limitata skond il-polza.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Louis Bellizzi nomine fejn qal:

1. Illi skond l-informazzjoni li ghandu l-esponent, mhux minnu li l-attur wegga minhabba nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti ta' Dredging Works Co. Ltd. naqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega.

2. Illi ukoll skond l-informazzjoni li ghandu l-esponent mhux minnu li l-attur sofra debilita permanenti b'rizultat ta' l-istess incident.

3. Illi l-attur diga rcieva xi pagamenti ai termini tal-polza ta' sigurta liema polza jipprovdi ghall-beneficcji anki meta ma kinux tort tas-socjeta Dredging Works Co. Limited.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Frar 1995 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’’l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Mejju 1996 fejn gie nominat il-Prof. Victor Griffiths bhala perit mediku;

Rat ir-relazzjonijiet minnhom mahlufa;

Rat ir-relazzjoni tal-periti medici addizzjonali l-kirurgi ortopedici Mr. Carmel Apap Bologna, Mr. Charles Grixti u Mr. Raymond Gatt;

Rat in-nota ta' kritika ghar-rapport peritali pprezentata mis-socjeta' konvenuta Thos. C. Smith Insurance Services Limited nomine;

Rat l-ati l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. u qieghed jitlob likwidazzjoni ta' danni minhabba dizabilita' permanenti li huwa qieghed jallega li sofra fuq ix-xoghol. Huwa jsemmi zewg incidenti vicin xulxin ghalkemm jidher li l-allegata dizabilita' sofriha fit-tieni incident.

L-ewwel incident li gara xi granet qabel l-10 ta' Frar 1992 kien meta siehbu Maurice Agius kien waqa' l-bahar mil-lanca li kienu fuqu bejn il-lanca u l-moll u l-attur, biex siehbu ma jitghaffigx, nizel flimkien ma' persuna ohra fuq tug-boat biex ighinuh jitla'. Meta tellghuh, hass ugiegh go spaltu u dahru u kellu jiehu xi kura medika.

Fl-incident ta' l-10 ta' Frar 1992 huwa waqa' jew zelaq minn fuq sellum tal-hadid gholi ta' madwar sular. Huwa kien niezel minn fuq id-denfil tar-Rikazli ghal fuq pontoon biex imur ghax-xoghol. Is-soltu kienu jinzlu ghax-xoghol bil-lanca izda billi kienet festa pubblika u l-kumpanija ma pprovdietx lanca, kellhom imorru ghax-xoghol bil-pontoon li ghal fuqu jinzlu bis-sellum imsemmi. Jidher li dan is-sellum qieghed f'livell ftit aktar baxx mill-jetty minn fejn kien niezel. L-attur qal li lanqas lehaq pogga siequ fuqu meta waqa' jew zelaq u baqa' niezel fuq il-pontoon u hadha fuq spaltu. Ilbies protettiv u safety shoes kienu jilbsuhom abbord meta jaslu peress li kienu jhalluhom fil-lockers.

L-attur ipproduca wkoll lil Philip Micallef li kien jahdem mieghu u kien mieghu fl-istess watch. Micallef qal li kien perikoluz biex jinzlu fuq il-pontoon ghax kellu nofs skalapiza biex tinzel sular. X'hin l-attur mar biex jinzel zelaq u waqa' sular ghal fuq il-pontoon. Stqarr ukoll li billi kienet

festa, tug-boats ma hadmux ghal tmienja min-nies biss u li meta tkun festa ghat-tug-boats thallas doppju.

Ghall-konvenuti gew prodotti ufficjali tad-Dredging Works Co. Ltd. li bazikament ikkonfermaw li fil-festi ma kienx ikun hemm il-mezzi ta' trasport soliti u li l-haddiema kienu jhallu s-safety shoes u boiler suits fil-lockers abbord il-bastiment li jkunu sejrin fuqu.

(A) IR-RELAZZJONI TAL-PERIT LEGALI

**Dwar ir-responsabilta'**

Il-perit legali jikkonkludi li s-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Huwa jirreferi ghas-segwenti gurisprudenza:

- James Calleja vs Lawrence Fino noe (Qorti tal-Kummerc, 10 ta' Ottubru 1980) fejn gie ritenut:
  *"...il-kondotta ta' min ikun il-kawza tad-danni tigi kwalifikata imprudenti jew negligenti fuq il-kriterju tal-prevedibilita' o meno tal-event li gara bhala konsegwenza tal-kondotta."*
- Borg vs Wells (Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Settembru 1981) fejn intqal:
  *"in planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work."*
- Schembri vs Caruana (Qorti tal-Appell, 16 ta' Novembru 1983) fejn gie osservat:
  *"wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikoltajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol."*

Il-perit legali osserva li minn dawn is-sentenzi jidher li kwazi jinkombi fuq il-konvenut illi jipprova li l-attur kien grossolament negligenti biex ikkawza l-incident biex jezimi ruhu mir-responsabilta' ghall-istess. F'dan il-kaz l-attur jimputa bhala raguni ghaliex gara l-incident il-fatt li billi kienet festa, is-socjeta' konvenuta minflok baghtet lanca bhalma kienet taghmel is-soltu, baghtet pontoon u allura l-haddiema kellhom jinzlu tarag tal-hadid. Huwa veru li wiehed jista' jargumenta illi kien biss l-attur li waqa' u allura seta' kien traskurat hu, izda certament l-attur ghandu ragun jilmenta li dan il-fatt kien perikoluz u kien jinkombi fuq is-socjeta' Dredging Works Co. Ltd. li tipprovdi "a safe system of work". In vista

tal-gurisprudenza citata ghalhekk il-perit legali kkonkluda li din il-kumpanija kienet responsabbli ghall-incident.

**<u>Dwar il-likwidazzjoni tad-danni</u>**

Il-perit legali ghamel riferenza ghar-rapport mediku fejn giet stabbilita dizabilita' ta' wiehed fil-mija (1%).

Huwa rrefera wkoll ghall-kawza "Butler vs Heard (Qorti tal-Appell, 22 ta' Dicembru 1967) biex wasal ghall-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni. L-introjtu ta' l-attur  a bazi tal-ahhar sena li kien jahdem u  a bazi tad-dokumenti prodotti tammonta ghal Lm2898 mill-impjieg u Lm500 minn xoghol iehor. Il-perit legali kkonkluda illi s-somma ta' Lm4000 ghandha tittiehed bhala dik li fuqha ghandha tinhadem il-*lucrum cessans*. L-attur ghandu 46 sena u n-numru ta' snin li ghandhom jigu komputati huma 15. Ghalhekk:

4000 x 15 x 1%  =  Lm600.

Minhabba s-somma zghira u minhabba li ddekorrew 5 snin mill-incident il-perit legali eskluda li ssir "lump sum deduction".

Dwar *damnum emergens* ma tressqux provi u ghalhekk ma kienx hemm x'jigi likwidat f'dar-rigward.

<u>(B) KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>

Dwar ir-responsabilta' ghall-incident din il-Qorti ftit ghandha x'izzid mal-konkluzjoni li wasal ghaliha l-perit legali. Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. ma haditx dawk il-prekawzjonijiet necessarji u sufficjenti biex dan l-incident jigi evitat u li kieku hadet dawk il-prekawzjonijiet l-incident kien, fil-fatt, jigi evitat. Huwa pacifiku u stabbilit fil-gurisprudenza recenti tal-Qrati taghna l-grad superjuri ta' prekawzjoni li jrid jiehu min ihaddem biex jevita li jigu kkagunati incidenti fuq il-post tax-xoghol.

Gie ampjament pruvat ukoll li d-danni li sofra l-attur huma konsegwenza diretta ta' l-incident. Dan johrog abbondantement car mill-provi li ressaq l-attur u mir-rapport ta' l-ewwel perit mediku u anke l-periti medici addizzjonali.

Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, filwaqt li tirrimarka l-ewwel nett li l-kawza msemmija mill-perit legali, cioe' "Butler vs Heard", f'gurisprudenza l-aktar recenti mhijiex qed tigi segwita skrupolozament, tosserva:

**Dwar id-dhul annwu ta' l-attur** – Mid-dokumenti esebiti mill-attur, u specifikatament il-kont ta' l-income tax ghas-sena 1991, jirrizulta li f'dik is-sena huwa dahhal Lm2898 mill-impjieg tieghu principali u Lm525 minn xoghol iehor filwaqt li ghas-sena ta' wara, cioe' l-1992 is-sena li gara l-incident u allura waqa' fuq nofs paga ghal xi zmien, huwa dahhal Lm2019 mill-impjieg u Lm550 minn xoghol iehor. Il-perit legali kkummenta li "una volta sakemm kien jahdem kien jaqla' cirka Lm3400, tenut kont ta' inflazzjoni, hlasijiet li jistghu jkunu dovuti rigward l-assikurazzjoni socjali u taxxi, jidher ekwu li tigi stabbilita s-somma ta' Lm4000 li fuqha ghandha tinhadem il-*lucrum cessans*."

Jigi notat li gie diversi drabi ritenut li l-income tax u l-kontribuzzjonijiet tan-national insurance mhumiex fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta wiehed jigi biex jistabilixxi l-paga medja annwali ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-qliegh futur (ara p.ez., Maria Pace pro et noe vs Joseph Abela, 21 ta' Mejju 1993, Prim'Awla). Biss, meta jigu kkunsidrati c-"chances and changes in life", iz-zidiet fil-pagi li jinghataw kull sena, il-possibilta' ta' overtime u sahansitra l-purchasing power dejjem jonqos tal-flus, il-Qorti hi tal-fehma li z-zieda ta' Lm600 li ta l-perit legali fic-cirkostanzi huwa realistiku.

**Dwar il-multiplier** – Il-perit legali adopera multilplier ta' 15 peress li qal li l-attur ghandu 46 sena. Pero' jidher li l-attur twieled fl-1948 u n-numru tal-karta ta' l-identita' riportat fuq diversi dokumenti huwa 707148(M). Dan ghalhekk ifisser li meta gara l-incident l-attur kellu 43 sena. Billi f'cirkostanzi normali l-hajja lavorattiva tibqa' ghaddejja sa 61 sena, il-multiplier applikabbli ghandu jkun ta' 18.

**Dwar il-persentagg ta' dizabilita'** – Filwaqt li l-ewwel perit mediku stabilixxa dizabilita' ta' 1%, il-periti medici addizzjonali ddeterminaw li l-persentagg ghandu jkun ta' 2%. Ghalhekk huwa dan il-persentagg li se jigi uzat fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*.

**Dwar il-lump sum payment** – Diversi huma l-kawzi fis-snin recenti fejn, minhabba d-dekors taz-zmien, il-persentagg ta' 20% li jitnaqqas ghal lump-sum payment jigi ridott. F'dan il-kaz il-perit legali ssuggerixxa li minhabba s-somma relattivament zghira likwidata (mill-perit legali Lm600) u ghax diga' ghaddew aktar minn hames snin minn meta gara l-incident, m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis. Filwaqt li s-somma li qed tigi likwidata hija aktar minn dik li wasal ghaliha l-perit legali, jibqa' l-fatt li diga' ghaddew aktar minn seba' snin mid-data ta' l-incident u aktar minn

hames snin minn meta giet istitwita din il-kawza. Ghalhekk ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal lump-sum payment.

Is-somma likwidata trid ghalhekk tinhadem hekk:

Lm4000 x 18 x 2% = Lm1440.

**Dwar is-solidarjeta' bejn is-socjetajiet konvenuti** – L-atturi qed jitolbu li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati ghall-hlas tas-somma likwidata in solidum. Il-perit legali kkonkluda li din it-talba hija gustifikata ghar-raguni illi din hija obbligazzjoni ta' natura kummercjali u kwindi hemm il-prezunzjoni ta' solidarjeta', jidher li ma saritx prova jekk id-ditta assikuratrici hijiex responsabbli ghall-hlas u mhux car ezatt l-obbligu taghha vis-à-vis is-socjeta' konvenuta l-ohra.

Il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni peritali f'dar-rigward. Huwa veru li hemm mankanza ta' provi dwar il-pozizzjoni tas-socjeta' assikuratrici konvenuta peress li la l-atturi u lanqas din is-socjeta' ma ressqu xi provi rigwardanti l-"coverage" li kienet taghti. U huwa proprju minhabba tali mankanza li allura ma tirrizultax relazzjoni guridika bejn l-attur u l-imsemmija socjeta' assikuratrici. Fid-dikjarazzjoni guramentata a fol. 13 insibu biss fit-tielet paragrafu li s-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. kienet accettat pagament in konnessjoni ma' claim li sar in konnessjoni ma' l-attur. Ta' dan il-pagament ma ngabet l-ebda prova u fi kwalunkwe kaz il-Qorti tistaqsi: X'tip ta' claim sar mis-socjeta' assikurata? X'pagament sar mis-socjeta' assikuratrici? Kif seta' jsir pagament meta d-danni sofferti mill-attur qed jigu likwidati issa?

M'hemmx dubju li ma ngabet l-ebda prova li hemm xi relazzjoni guridika bejn l-attur u l-imsemmija socjeta' assikuratrici. Anke assumendo li l-assikurazzjoni kienet tkopri incidenti fuq il-post tax-xoghol bhal dak in ezami, fir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet involuti f'incident, l-assikurazzjoni hija totalment parti estraneja in kwantu qatt ma tista' tigi misjuba responsabbli ghall-incident per se. U jekk finalment l-assikurazzjoni, sew minhabba l-obligi assunti fil-polza sew minhabba l-ligi, tigi mitluba li thallas dak l-ammont li jigi likwidat mill-Qorti fil-konfront ta' l-attur, dan ma taghmlux ghax hija ghandha xi responsabilta' fil-konfront tat-terz danneggat, izda billi hija marbuta li tindennizza lill-assikurat taghha kontra kull talba gustifikata ghall-hlas ta' danni. Ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta assikuratrici huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

(1) tilqa' l-eccezzjoni ta' Joseph Gerada et nomine fis-sens li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta Thos. C. Smith Insurance Services Ltd u din bhala agenti tas-socjeta' estera assikuratrici "L'Union des Assurances des Paris IARD",
(2) tiddikjara lis-socjeta' konvenuta Dredging Works Co. Ltd. unikament responsabbli ghall-incident li gara fuq ix-xoghol fl-10 ta' Frar 1992 fejn l-attur wegga' u sofra korriment,
(3) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm1440, u
(4) tikkundanna lil Louis Bellizzi bhala stralcjarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Dredging Works Co. Ltd. ghall-hlas lill-atturi ta' din is-somma ta' Lm1440 bl-imghax skond il-ligi.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenut Louis Bellizzi nomine.

Grazio Galea
D/Registratur